2024/2391

11.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2391

tal-10 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar, ċerti notifiki lill-Kummissjoni ta' informazzjoni, u dokumenti fis-settur tas-swieq agrikoli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 223(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni biex jiġi żgurat il-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati, sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop tagħhom li jillimitaw il-piż amministrattiv.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-obbligi tal-Istati Membri li jinnotifikaw l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti lill-Kummissjoni. Dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni fih għadd ta' rekwiżiti ta' rapportar fil-qasam tat-trasparenza tas-swieq agrikoli u tal-ikel, li għalhekk jenħtieġ li jiġu ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030" ([3]).

(3) L-iżgurar tal-kwalità tad-*data* miġbura u mxerrda huwa essenzjali biex tiġi mmonitorjata u żgurata trasparenza adegwata tas-suq. L-Istati Membri huma għalhekk obbligati li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-*data* meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(4) Filwaqt li tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-informazzjoni nnotifikata lill-Kummissjoni tkun rilevanti għas-suq ikkonċernat, preċiża u kompluta, il-Kummissjoni għandha tagħmel użu mill-għarfien espert settorjali tagħha biex tiddetermina liema *data* għandha tiġi ppubblikata u taħt liema forma jew livell ta' aggregazzjoni.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 kien ġie emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1746 ([4]) li introduċa obbligi ġodda ta' notifika għall-Istati Membri, biex itejbu l-ġbir tad-*data* statistika meħtieġa għall-analiżi tal-mekkaniżmi tal-formazzjoni tal-prezzijiet tul il-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel, biex jassistu lill-operaturi ekonomiċi u lill-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu għażliet aktar infurmati.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/1185/oj).

([3]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030 (COM(2023) 168).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1746 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti (ĠU L 268, 22.10.2019, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1746/oj).

(6) Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-24 ta' Frar 2022, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 kien ġie emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/791 ([5]) li introduċa obbligi ġodda ta' notifika lill-Istati Membri fir-rigward tal-livelli ta' ħażniet ta' ċereali, żrieragħ taż-żejt u ross, inklużi l-produzzjoni u l-livelli ta' stokkijiet ta' żrieragħ iċċertifikati.

(7) Wara aktar minn 3 snin ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1746 u sena u nofs ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/791, jidher li ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 jeħtieġ li jiġu ċċarati jew adattati biex tittejjeb il-kwalità tad-*data* miġbura u l-effiċjenza tal-proċess tal-ġbir tad-*data*.

(8) Il-pubblikazzjoni taċ-ċifri tal-produzzjoni taz-zokkor tal-Unjoni fil-livell tal-Istati Membri għall-Istati Membri kollha, inklużi dawk b'inqas minn tliet operaturi ekonomiċi, iżżid it-trasparenza tas-suq billi tagħti lill-bdiewa, inklużi dawk li jkabbru l-pitravi, aċċess għall-informazzjoni meħtieġa għalihom biex jinterpretaw aħjar is-sinjali tas-suq u jlaħħqu maż-żieda fil-volatilità tas-suq. Tnaqqas ukoll l-asimmetriji fl-informazzjoni u ttejjeb il-pożizzjoni ta' dawn il-bdiewa fil-kuntest tan-negozjati tagħhom ta' kuntratti ta' kunsinna mal-produtturi taz-zokkor. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju f'termini ta' kunfidenzjalità tad-*data* u f'termini ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari r-riskju ta' kollużjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, id-*data* tal-produzzjoni għandha tiġi ppubblikata wara li jkunu ttieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-livelli tal-produzzjoni għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara.

(9) Jenħtieġ li jiġu ċċarati l-iskadenzi għall-Istati Membri biex jinnotifikaw il-metodoloġiji użati biex tiġi ddeterminata l-informazzjoni pprovduta.

(10) Il-ġbir tal-prezzijiet tax-xiri bl-imnut wera li huwa diffiċli għal għadd sinifikanti ta' Stati Membri. Filwaqt li l-informazzjoni tibqa' rilevanti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-protesti reċenti tal-bdiewa u d-diskussjonijiet dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa dwar il-katina tal-provvista tal-ikel, in-notifiki ta' kull xahar għandhom ikunu biżżejjed għall-fini tal-monitoraġġ tal-prezzijiet. In-notifiki ta' kull ġimgħa li huma obbligatorji għal xi prodotti għalhekk jenħtieġ li jinbidlu għal notifiki kull xahar, u b'ħekk tiġi armonizzata l-perjodiċità tan-notifika għall-prezzijiet tax-xiri bl-imnut kollha. L-Istati Membri li jixtiequ jipprovdu informazzjoni addizzjonali fil-forma ta' prezzijiet tax-xiri ta' kull ġimgħa għandhom jitħallew jagħmlu dan.

(11) Allinjament insuffiċjenti mar-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 ([6]) u bejn il-metodoloġiji applikati mill-Istati Membri ma jiżgurax komparabbiltà suffiċjenti tad-*data*, li timmina l-valur tal-informazzjoni nnotifikata għall-frott u l-ħaxix. Huwa għalhekk meħtieġ li tittejjeb iċ-ċarezza tad-*data* li għandha tiġi pprovduta tul il-katina tal-provvista kollha sabiex tittejjeb it-trasparenza tas-suq u biex jitlesta r-rappurtar tal-prezzijiet tal-frott u l-ħxejjex sa tmiem il-katina tal-provvista, inkluż ir-rekwiżit li l-prezzijiet jiġu nnotifikati bil-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut. Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, il-frekwenza tan-notifiki tal-prezzijiet tax-xiri u tal-bejgħ bl-imnut jenħtieġ li tkun limitata għal darba fix-xahar.

(12) Minħabba l-importanza tal-patata għall-konsum fis-suq tal-Unjoni u peress li tifforma parti importanti mid-dieta, il-patata għall-konsum jenħtieġ li tiżdied ukoll bħala prodott ġdid li għalih jenħtieġ li jiġu nnotifikati l-prezzijiet. Parti importanti mill-produzzjoni ġenerali ta' ċertu frott u ħaxix hija destinata għall-ipproċessar. Il-kisba ta' informazzjoni aġġornata dwar il-kwantità prodotta destinata għall-konsum frisk hija kruċjali biex tiġi żgurata t-trasparenza tas-suq minħabba l-impatt tal-kwantità prodotta fuq il-kwantitajiet u l-prezzijiet disponibbli. Għalhekk, huwa meħtieġ li tali informazzjoni dwar il-produzzjoni tiżdied man-notifiki meħtieġa.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/791 tad-19 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 fir-rigward tan-notifika tal-livelli tal-ħażniet taċ-ċereali, taż-żerriegħa taż-żejt u tar-ross (ĠU L 141, 20.5.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/791/oj).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/891/oj).

(13) Sabiex ikun jista' jiġi ppubblikat prezz tax-xiri medju ponderat għaz-zokkor fil-livell tal-Unjoni, jeħtieġ li l-prezzijiet tax-xiri għaz-zokkor innotifikati lill-Kummissjoni skont il-punt 3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 ikunu akkumpanjati minn informazzjoni dwar il-kwantitajiet taz-zokkor mixtrija mit-tipi differenti ta' operaturi ekonomiċi li jikkorrispondu għal dawn il-prezzijiet.

(14) Is-settur tal-qanneb jenħtieġ li jibbenefika mill-istess livell ta' trasparenza tas-suq bħas-setturi tal-għelejjel tal-fibra l-oħrajn, jiġifieri l-kittien u l-qoton. Biex jittaffa l-ammont ta' xogħol li jikkorrispondi man-notifiki l-ġodda għas-settur tal-qanneb, in-notifika ta' kull xahar tal-prezzijiet medji tal-kittien mill-fabbrika għandha ssir annwali.

(15) Ir-rilevanza għas-suq ta' ċerti prodotti tad-dwieli għajr dawk imsemmija fil-punt (1) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tirrikjedi l-espansjoni tal-prodotti tad-dwieli soġġetti għal monitoraġġ u notifika tal-prezzijiet biex tkopri wkoll ċerti "nbejjed frizzanti", kif imsemmi fil-punti (4), (5) u (6) ta' dik il-Parti II. Barra minn hekk, l-estensjoni dejjem tikber taż-żona tal-vinji taħt biedja organika fl-Unjoni, f'konformità mal-ambizzjoni u l-miri stabbiliti għall-produzzjoni organika fl-Unjoni, li kienet tirrappreżenta 13 % taż-żona totali tal-vinji fl-2020, u l-importanza dejjem akbar tal-prodotti organiċi għall-produtturi u l-konsumaturi, jitolbu li l-prezzijiet tal-inbejjed organiċi rappreżentattivi jiġu mmonitorjati u nnotifikati mill-Istati Membri produtturi.

(16) Fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tas-suq tar-ross, ir-rekwiżiti ta' notifika jenħtieġ li jiġu riveduti. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-daqs żgħir tas-settur tar-ross f'xi każijiet jagħmel il-ġbir tad-*data* kkumplikat iżżejjed. Sabiex jittaffa l-piż fuq il-partijiet ikkonċernati u l-uffiċċji tal-istatistika tal-Istati Membri, huwa għalhekk meħtieġ li n-notifiki jiġu limitati għal-livelli totali tal-istokkijiet ta' kull xahar għar-ross "Japonica" u "Indica", mingħajr ma jsiru distinzjonijiet abbażi tal-kodiċijiet NM. Barra minn hekk, ma għandux jibqa' meħtieġ li ssir differenza bejn ir-ross importat u dak prodott domestikament.

(17) Il-perjodu tan-notifika għall-istokkijiet taż-żrieragħ iċċertifikati jiġbor id-*data* meta dawn l-istokkijiet ikunu fil-livell massimu tagħhom, wara l-ħsad u qabel iż-żrigħ. Matul dan il-perjodu, din id-*data* hija l-aktar rilevanti u kompluta, u tagħti informazzjoni ċara dwar id-disponibbiltà ta' żrieragħ iċċertifikati għall-fini tal-valutazzjoni tal-istat tas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni. Il-perjodu ta' notifika ta' Frar ma jqajjimx kwistjoni f'dan ir-rigward. Madankollu, l-iskadenza tar-rapportar ta' nofs is-sena kalendarja għandha tirrifletti l-varjazzjonijiet fid-dati taż-żrigħ u tal-ħsad bejn l-Istati Membri u l-għelejjel, li jistgħu jkunu sinifikanti madwar dan il-perjodu. Sabiex jiġi żgurat li d-*data* tkun rilevanti, preċiża u kompluta, l-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jinnotifikaw l-istokkijiet taż-żrieragħ iċċertifikati f'nofs is-sena kalendarja malajr kemm jista' jkun wara li jintemm il-ħsad, u qabel ma jibda ż-żrigħ għal kull għalla. L-Istati Membri jenħtieġ li, bħala parti min-notifiki tagħhom tal-metodoloġija użata biex tiġi ddeterminata l-informazzjoni pprovduta, jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-data ta' rapportar mistennija għal dawn l-istokkijiet ta' żrieragħ iċċertifikati f'nofs is-sena kalendarja, għal kull għalla. Id-data tar-rapportar ma għandhiex tkun aktar tard minn Settembru ta' kull sena.

(18) Il-kontenut tan-notifika tal-istokkijiet taz-zokkor u tal-isoglukożju jenħtieġ li jiġi ċċarat aktar biex jindika li l-kwantitajiet importati jeħtieġ li jiġu inkorporati.

(19) Id-*data* dwar il-produzzjoni tal-inbid u informazzjoni oħra dwar is-suq, inklużi l-istokkijiet, bħalissa huma rrapportati kull sena mill-Istati Membri. Il-produzzjoni u l-istokkijiet innotifikati huma bbażati fuq id-dikjarazzjonijiet mill-produtturi u operaturi oħra msemmija fl-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 ([7]) u r-regoli speċifiċi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/274 ([8]). Filwaqt li din il-frekwenza annwali hija xierqa għall-monitoraġġ tal-produzzjoni, mhuwiex

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata, u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u penali rilevanti, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008, (KE) Nru 606/2009 u (KE) Nru 607/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 kif ukoll ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/560 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/273/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/274 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli, irreġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, u d-dikjarazzjonijiet obbligatorji, u tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontrolli rilevanti, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/561 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/274/oj).

biżżejjed li tiġi mmonitorjata l-evoluzzjoni tal-livell tal-istokkijiet, li jinfluwenza b'mod qawwi s-sitwazzjoni tas-suq matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni. Analiżi aktar dettaljata tan-notifika tal-produzzjoni u tal-istokkijiet skont il-kuluri u t-tipi ta' nbid tiffaċilita l-valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet differenti tas-suq fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tiffaċilita l-kunsiderazzjoni ta' miżuri ta' politika li huma adattati għal ħtiġijiet partikolari.

(20) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(21) Huwa xieraq li tiġi prevista data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jadattaw ruħhom għall-obbligi ta' rapportar l-ġodda. Għal dan l-iskop, il-modifiki għall-obbligi ta' notifika eżistenti jenħtieġ li japplikaw minn 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għal obbligi ġodda ta' notifika, id-data tal-applikazzjoni għandha tiddependi fuq il-kumplessità għall-Istati Membri biex jiżviluppaw il-metodoloġija u l-arranġamenti xierqa għall-ġbir tad-*data*. L-obbligi ġodda ta' notifika dwar il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut tal-patata għall-konsum u tal-frott u l-ħaxix jenħtieġ li japplikaw minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-obbligi ġodda ta' notifika dwar il-prezzijiet tal-qanneb jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2025. L-obbligi ġodda ta' notifika dwar il-kwantitajiet ta' frott u ħaxix prodotti għall-konsum frisk jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Marzu 2026. Is-sistema ta' notifika modifikata dwar il-produzzjoni tal-inbid u s-sitwazzjoni tas-suq jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Lulju 2025, u s-sistema l-ġdida ta' notifiki dwar il-prezzijiet tal-inbid jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Ottubru 2025.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Il-paragrafu 4 ma għandux japplika fil-każ tal-produzzjoni taz-zokkor għall-Istati Membri b'inqas minn tliet operaturi ekonomiċi, sakemm l-Istat Membru rispettiv jaqbel li l-Kummissjoni tippubblika din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni ma għandhiex tippubblika din l-informazzjoni qabel ix-xahar ta' Marzu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni wara s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata.";

(2) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal kull notifika tal-prezz u tal-kwantità meħtieġa minn din it-Taqsima, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw is-sors u l-metodoloġija użati għad-determinazzjoni tal-informazzjoni pprovduta fi żmien 6 xhur wara d-data tal-applikazzjoni tal-obbligu ta' notifika. Tali notifiki għandhom jinkludu informazzjoni dwar is-swieq rappreżentattivi ddeterminati mill-Istati Membri u l-koeffiċjenti tal-ponderazzjoni assoċjati.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 1. Tali informazzjoni għandha tiġi nnotifikata mhux aktar tard mill-mument tal-ewwel notifika tad-*data* skont is-sors jew il-metodoloġija modifikata. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-istabbiltà metodoloġika li tappoġġja l-kontinwità tas-serje tad-*data*.";

(3) L-Annessi I, II u III huma emendati f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(3) għandu japplika mit-18 ta' Diċembru 2024.

Madankollu, l-obbligi ta' notifika msemmija fil-punti li ġejjin tal-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 kif emendat b'dan ir-Regolament għandhom japplikaw mid-dati li ġejjin:

(a) l-obbligu ta' notifika dwar il-patata għall-konsum imsemmija fil-punt 5(a) tal-Anness I u l-obbligu ta' notifika dwar il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut imsemmija fil-punt 8(e) tal-Anness II għandhom japplikaw mit-18 ta' Marzu 2025;

(b) l-obbligu ta' notifika fuq il-prezzijiet tal-inbid imsemmi fil-punt 6 tal-Anness II u l-obbligu ta' notifika dwar il-prezzijiet tal-qanneb imsemmi fil-punt 3(i) tal-Anness III għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2025;

(c) l-obbligu ta' notifika dwar il-produzzjoni tal-inbid u s-sitwazzjoni tas-suq imsemmi fil-punt 7 tal-Anness III għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2025;

(d) l-obbligu ta' notifika fuq il-kwantitajiet ta' frott u ħaxix prodotti għall-konsum frisk imsemmija fil-punt 7a tal-Anness III għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I, II u III għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 4, "Żejt taż-żebbuġa", jitħassar il-paragrafu "Prezzijiet tax-xiri";

(b) il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. **Frott u ħxejjex, banana u patata**

(a) ***Prezzijiet ta' frott u ħxejjex u patata maħsuba għas-suq ta' prodotti friski***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti, għat-tipi u għall-varjetajiet tal-frott u l-ħxejjex elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 (*) u għall-patata għall-konsum.

Stati Membri kkonċernati: L-Istati Membri elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fir-rigward tal-frott u l-ħxejjex.

Oħrajn: il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati:

(i) għall-frott u l-ħxejjex, kif imsemmi fl-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891,

(ii) għall-patata għall-konsum, il-patata maħsuba biss biex tinbiegħ lill-konsumaturi fi stadju frisk, b'daqs li ma tgħaddix minn malja kwadra ta' 35 mm × 35 mm iżda li tista' tgħaddi minn malja kwadra ta' 75 mm × 75 mm, f'imballaġġi ta' inqas minn 10 kg. Il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati għall-prodotti konvenzjonali mhux organiċi, tal-post fejn jiġu mballati, magħżulin, imballati u, fejn applikabbli, fuq palits, espressi għal kull 100 kg piż nett ta' prodott.

(b) ***Prezzijiet tal-bejgħ tal-banana***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet bl-ingrossa tal-banana safra li taqa' taħt il-kodiċi NM 0803 90 10,

Stati Membri kkonċernati: l-Istati Membri kollha li jikkummerċjalizzaw medja ta' aktar minn 50 000 tunnellata ta' banana safra fis-sena matul il-perjodu tal-aħħar 5 snin kalendarji.

Oħrajn: il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati:

(i) għal prodotti konvenzjonali mhux organiċi,

(ii) il-prezz medju ponderat nazzjonali għal kull pajjiż tal-oriġini,

(iii) espressi għal kull 100 kg piż nett ta' prodott.

(c) ***Prezzijiet mal-ħruġ mill-azjenda agrikola***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet rappreżentattivi tat-tadam, tat-tuffieħ, tal-larinġ, tal-ħawħ u tan-nuċiprisk u tal-banana maħsuba għall-konsum frisk għat-tipi u l-varjetajiet elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891.

Stati Membri kkonċernati: L-Istati Membri elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891. Fir-rigward tal-banana, l-Istati Membri elenkati fl-Anness II, il-punt 8(b), ta' dan ir-Regolament.

Oħrajn: il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati:

(i) għal prodotti konvenzjonali mhux organiċi,

(ii) mal-ħruġ mill-azjenda agrikola u l-prodotti maħsuda, mhux ikkundizzjonati u fil-pakketti tal-ħsad tal-għelieqi,

(iii) skont il-prodott, it-tip u l-varjetà, kif rilevanti. Għall-prezzijiet irrappurtati skont it-tip u l-varjetà, għandu jiġi nnotifikat ukoll prezz medju ponderat nazzjonali għal kull prodott, ħlief għat-tadam,

(iv) il-prezzijiet espressi għal kull 100 kg ta' prodott.

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 201713 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/891/oj).";

(c) fil-punt 6, "Laħam", jitħassar il-paragrafu "Prezzijiet tax-xiri";

(d) fil-punt 7, "Ħalib u prodotti tal-ħalib", jitħassar il-paragrafu "Prezzijiet tax-xiri";

(e) fil-punt 9, "Laħam tat-tjur", jitħassar il-paragrafu "Prezzijiet tax-xiri";

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3, "Zokkor", il-paragrafu "Prezzijiet tax-xiri" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"***Prezzijiet tax-xiri***

Kontenut tan-notifika: il-medji ponderati rappreżentattivi tal-bejjiegħa bl-imnut, tal-industrija tal-ikel u dik mhux tal-ikel (minbarra l-bijofjuwil) tal-prezzijiet tax-xiri taz-zokkor u tal-melassa, espressi għal kull tunnellata ta' prodott, kif ukoll il-kwantitajiet totali korrispondenti għal kull tip ta' operatur (bejjiegħa bl-imnut, industrija tal-ikel u dik mhux tal-ikel).

Perjodu tan-notifika: sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.

Oħrajn: il-prezzijiet rappreżentattivi għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-metodoloġija ppubblikata mill-Kummissjoni.";

(b) il-punt 4, "Fibra tal-kittien" titħassar;

(c) fil-punt 5, "Żjut taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda", jiżdied il-paragrafu li ġej:

"***Prezzijiet tax-xiri***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet tax-xiri rappreżentattivi tal-bejjiegħa bl-imnut" għall-kategoriji taż-żejt taż-żebbuġa verġni u taż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni msemmija fil-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, espressi għal kull 100 kg ta' prodott.

Perjodu tan-notifika: sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.

Oħrajn: il-prezzijiet rappreżentattivi għandhom jikkorrispondu għaż-żejt taż-żebbuġa verġni kundizzjonat u għaż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni f'kontenituri lesti biex jiġu offruti lill-konsumaturi finali u għandhom ikopru mill-inqas terz tax-xiri nazzjonali tal-prodott ikkonċernat.";

(d) il-punt 6 "Inbid" huwa emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu "Kontenut tan-notifika" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Kontenut tan-notifika:* il-medji ponderati nazzjonali tal-prezzijiet għax-xahar preċedenti, espressi għal kull ettolitru ta' prodott, għall-kategoriji ta' prodotti li ġejjin:

(a) *Inbid*: għall-prodotti tad-dwieli msemmija fil-punt (1) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, imqassma f'sitt klassijiet: ħomor/rożè u bojod, rispettivament għall-inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta, għall-inbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta, u għall-inbejjed mingħajr indikazzjoni ġeografika;

(b) *Inbid frizzanti*: għall-prodotti tad-dwieli msemmija fil-punti (4), (6) u (5) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ikkombinati fi klassi waħda, għal prodotti b'indikazzjoni ġeografika irrispettivament mill-kulur tagħhom;

(c) *Inbid organiku*: (i) għall-prodotti tad-dwieli msemmija fil-punt (1) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, imqassma f'żewġ klassijiet: inbid aħmar/rożè u abjad b'denominazzjoni ta' oriġini protetta; (ii) għall-inbejjed frizzanti kif imsemmija fil-punti (4), (5) u (6) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-kuluri kollha flimkien, għall-prodotti b'indikazzjoni ġeografika.";

(ii) il-paragrafu "Oħrajn" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Oħrajn*: il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati għall-prodotti bl-ingrossa li joħorġu mill-bini tal-produttur. Għall-inbejjed frizzanti msemmija fil-punt (b) u l-punt (c)(ii), il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati għall-inbid bażi użat biex jiġu prodotti:

— Għall-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħżlu s-swieq tal-inbid l-aktar rappreżentattivi li jkopru sehem minimu ta' 70 % tal-produzzjoni nazzjonali għal kull klassi ta' prodott definita fil-"Kontenut tan-notifika" ta' dan il-punt. L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) ma tistax tinkludi prodotti tad-dwieli organiċi.

— Għall-informazzjoni msemmija fil-punt (c), l-għażla għandha tkopri mill-inqas 50 % tal-produzzjoni nazzjonali tal-klassi tal-prodott ikkonċernata.";

(e) il-paragrafu (b) tal-punt 7 "Ħalib u prodotti tal-ħalib" huwa emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu "Perjodu ta' notifika" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Perjodu ta' notifika:* sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.";

(ii) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"***Prezzijiet tax-xiri***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet tax-xiri rappreżentattivi tal-bejjiegħa bl-imnut u ta' operaturi tan-negozju tal-ikel oħra tal-butir u tal-ġobnijiet rilevanti, espressi għal kull 100 kg ta' prodott.

Perjodu tan-notifika: sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.";

(f) il-punt 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. **Frott u ħxejjex, banana u patata**

(a) ***Prezzijiet tal-frott u tal-ħxejjex friski u organiċi***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet rappreżentattivi tat-tadam, tat-tuffieħ, tal-lariġ, tal-ħawħ u tan-nuċiprisk organiċi għat-tipi u l-varjetajiet elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891.

Perjodu tan-notifika: sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.

Oħrajn: il-prezzijiet tal-prodotti organiċi għandhom jiġu nnotifikati bl-istess mod kif imsemmi fl-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 għall-prodotti konvenzjonali.

(b) ***Prezzijiet għall-banana ħadra***

Kontenut tan-notifika:

(a) il-prezzijiet rappreżentattivi fis-swieq lokali tal-banana ħadra, ikkummerċjalizzati fir-reġjun tal-produzzjoni u l-kwantitajiet relatati;

(b) il-prezz medju ponderat nazzjonali għal kull pajjiż tal-oriġini;

(c) il-prezzijiet rappreżentattivi tal-banana ħadra konvenzjonali mhux organika, ikkummerċjalizzata barra mir-reġjun tal-produzzjoni u l-kwantitajiet relatati;

(d) it-tbassir tad-*data* msemmija fil-punti (a) u (c) għaż-żewġ perjodi sussegwenti ta' notifika.

Perjodu tan-notifika:

— sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena fir-rigward tal-perjodu preċedenti mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April,

— sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena fir-rigward tal-perjodu preċedenti mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu,

— sal-15 ta' Frar ta' kull sena fir-rigward tal-perjodu preċedenti mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru.

Stati Membri kkonċernati: L-Istati Membri b'reġjun tal-produzzjoni, jiġifieri:

(a) il-Gżejjer Kanarji;

(b) Guadeloupe;

(c) Martinique;

(d) Madeira u l-Azores;

(e) Kreta;

(f) Ċipru.

Oħrajn:

(i) il-prezzijiet għall-banana ħadra kkummerċjalizzata fl-Unjoni barra mir-reġjun tal-produzzjoni tagħha għandhom ikunu fl-ewwel port tal-ħatt (prodotti mhux imħatta),

(ii) il-prezzijiet għandhom jiġu espressi għal kull 100 kg ta' prodott.

(c) ***Prezzijiet tal-ħruġ mill-azjenda agrikola***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet rappreżentattivi tat-tadam, tat-tuffieħ u tal-lariġ, tal-ħawħ maħsuba għall-ipproċessar.

Perjodu tan-notifika:

(a) għat-tadam għall-ipproċessar, sal-31 ta' Jannar fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti;

(b) għall-prodotti l-oħra, sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar ta' qabel.

Oħrajn: il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati:

(i) espressi għal kull 100 kg ta' prodott,

(ii) mal-ħruġ mill-azjenda agrikola u tal-prodotti maħsuda.

(d) ***Prezzijiet tax-xiri bl-imnut***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet rappreżentattivi tax-xiri bl-imnut tat-tadam, tat-tuffieħ, tal-lariġ, tal-ħawħ u tan-nuċiprisk għat-tipi u l-varjetajiet elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891.

Perjodu tan-notifika: sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.

Oħrajn: il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati:

(i) għal prodotti konvenzjonali mhux organiċi,

(ii) skont il-prodott, it-tip u l-varjetà, kif rilevanti. Għall-prezzijiet irrapportati skont it-tip u l-varjetà, jiġi nnotifikat ukoll prezz medju ponderat nazzjonali għal kull prodott, ħlief għat-tadam,

(iii) espressi għal kull 100 kg piż nett ta' prodott.

(e) ***Prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet rappreżentattivi tal-bejgħ bl-imnut tat-tadam, tat-tuffieħ, tal-lariġ, tal-ħawħ u tan-nuċiprisk, u tal-banana safra għat-tipi u l-varjetajiet elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, u tal-patata għall-konsum.

Stati Membri kkonċernati: fil-każ tal-banana safra, l-Istati Membri kollha jikkummerċjalizzaw medja ta' aktar minn 50 000 tunnellata ta' banana safra fis-sena matul il-perjodu tal-aħħar 5 snin kalendarji.

Perjodu tan-notifika: sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.

Oħrajn: il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati:

(i) għal prodotti konvenzjonali mhux organiċi,

(ii) fuq l-ixkaffa għall-bejgħ bl-imnut għall-bejjiegħa bl-imnut l-aktar rappreżentattivi,

(iii) skont il-prodott, it-tip u l-varjetà, kif rilevanti. Għall-prezzijiet irrapportati skont it-tip u l-varjetà, jiġi nnotifikat ukoll prezz medju ponderat nazzjonali għal kull prodott, ħlief għat-tadam,

(iv) għall-patata għall-konsum, il-patata maħsuba biss biex tinbiegħ lill-konsumaturi fi stadju frisk, b'daqs li ma tgħaddix minn malja kwadra ta' 35 mm × 35 mm iżda li tista' tgħaddi minn malja kwadra ta' 75 mm × 75 mm, f'imballaġġi ta' inqas minn 10 kg,

(v) espressi għal kull 100 kg ta' piż nett ta' prodott.";

(g) fil-punt 9, "Laħam", jiżdied il-paragrafu li ġej:

"***Prezzijiet tax-xiri***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet tax-xiri rappreżentattivi tal-bejjiegħa bl-imnut u ta' operaturi kummerċjali oħra tal-ikel għal-laħam ikkapuljat tal-majjal u taċ-ċanga, espress għal kull 100 kg ta' prodott.

Perjodu tan-notifika: sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.";

(h) fil-punt 10, "Laħam tat-tjur", jiżdied il-paragrafu li ġej:

"***Prezzijiet tax-xiri***

Kontenut tan-notifika: il-prezzijiet tax-xiri rappreżentattivi tal-bejjiegħa bl-imnut u ta' operaturi oħra tan-negozju tal-ikel għat-tiġieġ sħiħ tal-Klassi A ("65 % tiġieġ") u għall-filetti tas-sidra tat-tiġieġ, espress għal kull 100 kg ta' prodott.

Perjodu tan-notifika: sal-25 jum ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti.";

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1a. **Ross**

Kontenut tan-notifika: għal kull wieħed mit-tipi ta' ross imsemmija fil-punti 2 u 3 tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013:

(a) żona mħawla, rendiment agronomiku, produzzjoni tar-ross fil-fosdqa fis-sena tal-ħsad u rendiment tat-ṫħin;

(b) użu domestiku (inkluż mill-industrija tal-ipproċessar) ta' ross espress f'ekwivalenti mitħun;

(c) livelli kkombinati ta' kull xahar tal-ħażniet tar-ross (espressi f'ekwivalenti mitħun) miżmuma mill-produtturi u l-imtieħen tar-ross separati f'"Japonica" (il-Parti I, il-punt 2(a), il-punt 2(b) u l-punt 2(c)(i), tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013) u "Indica" (il-Parti I, il-punt 2(c) (ii), tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013).

Perjodu tan-notifika: sal-15 ta' Jannar ta' kull sena fir-rigward tas-sena ta' qabel fir-rigward taż-żona mħawla u l-użu domestiku; sal-aħħar ta' kull xahar fir-rigward tax-xahar preċedenti fir-rigward tal-ħażniet totali ta' kull xahar ta' "Japonica" u ta' "Indica".

Stati Membri kkonċernati:

(a) għall-produzzjoni tar-ross fil-fosdqa, l-Istati Membri kollha li jipproduċu r-ross;

(b) għall-użu domestiku, l-Istati Membri kollha;

(c) għall-ħażniet tar-ross, l-Istati Membri kollha li jipproduċu r-ross u l-Istati Membri b'imtieħen tar-ross.";

(b) fil-punt 1d, "Żerriegħa ċċertifikata", il-paragrafu "Perjodu ta' notifika" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Perjodu ta' notifika:* sal-15 ta' Novembru ta' kull sena fir-rigward taż-żona maħsuda f'dik is-sena fir-rigward taż-żona aċċettata għaċ-ċertifikazzjoni; sal-15 ta' Jannar ta' kull sena fir-rigward tas-sena preċedenti fir-rigward taż-żerriegħa maħsuda; sal-aħħar ta' Frar, u bejn l-aħħar ta' Lulju u l-aħħar ta' Settembru, malajr kemm jista' jkun wara li jitlesta l-ħsad u qabel ma jibda ż-żrigħ għal kull għalla, fir-rigward tax-xahar preċedenti fir-rigward tal-ħażniet.";

(c) fil-punt 2D, "Stokks taz-zokkor u tal-isoglukożju", il-paragrafu "Kontenut tan-notifika" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Kontenut tan-notifika:*

(a) il-kwantitajiet tal-produzzjoni taz-zokkor, inklużi l-importazzjonijiet, maħżuna fl-aħħar ta' kull xahar mill-impriżi taz-zokkor u r-raffinaturi;

(b) il-kwantitajiet tal-produzzjoni tal-isoglukożju, inklużi l-importazzjonijiet, maħżuna mill-produtturi tal-isoglukożju sal-aħħar tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti.";

(d) il-punt 3, "Għelejjel tal-fibra", huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. **Għelejjel tal-fibra**

Kontenut tan-notifika:

(a) iż-żona tal-fibra tal-kittien għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti u l-istima għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kurrenti, espressa f'ettari;

(b) il-produzzjoni ta' fibri twal tal-kittien għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' qabel u stima għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kurrenti, espressi f'tunnellati;

(c) il-prezzijiet medji ponderati mill-fabbrika matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti, irreġistrati fis-swieq rappreżentattivi ewlenin għall-fibra twila tal-kittien, espressi għal kull tunnellata ta' prodott;

(d) iż-żona mħawla bil-qoton għas-sena tal-ħsad preċedenti u stima għas-sena tal-ħsad attwali, espressa f'ettari;

(e) il-produzzjoni tal-qoton mhux imfesdaq għas-sena tal-ħsad preċedenti u stima għas-sena tal-ħsad attwali u, espressi f'tunnellati;

(f) il-prezz medju tal-qoton mhux imfesdaq imħallas lill-produtturi tal-qoton fir-rigward tas-sena tal-ħsad preċedenti, espress għal kull tunnellata ta' prodott;

(g) iż-żona mħawla bil-qanneb kif definita fl-Artikolu 189(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti u l-istima għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni attwali, espressi f'ettari;

(h) il-produzzjoni tal-fibri tal-qanneb għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti u stima għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni attwali, espressi f'tunnellati;

(i) il-prezzijiet medji ponderati mill-fabbrika matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti, irreġistrati fis-swieq rappreżentattivi ewlenin għall-fibra tal-qanneb, espressi għal kull tunnellata ta' prodott.

Perjodu tan-notifika: sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena fir-rigward taż-żona mħawla, il-produzzjoni u l-prezzijiet medji ponderati mill-fabbrika.

Stati Membri kkonċernati:

(a) għall-kittien, l-Istati Membri kollha fejn il-fibri tal-kittien twal jiġu prodotti minn żona mħawla ta' aktar minn 1 000 ha ta' fibri tal-kittien;

(b) għall-qoton, l-Istati Membri kollha fejn jinżergħu mill-inqas 1 000 ha ta' qoton;

(c) għall-qanneb, l-Istati Membri kollha fejn il-fibri tal-qanneb huma prodotti minn żona mħawla ta' aktar minn 1 000 ha ta' fibra tal-qanneb.";

(e) il-punt 7 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu "Kontenut tan-notifika", il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Stokkijiet: (i) sommarju tad-dikjarazzjonijiet tal-istokkijiet tal-inbid u tal-most tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni tal-inbid preċedenti miżmuma fl-31 ta' Lulju msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/273; u (ii) sommarji trimestrali tal-istokkijiet miżmuma fil-31 ta' Ottubru, fil-31 ta' Jannar, u fit-30 ta' April għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni attwali.

L-istokkijiet imsemmija fil-punt (c) għandhom jiġu nnotifikati u mqassmin skont il-kulur (aħmar/rożè, abjad) u t-tip ta' prodott (inbid b'denominazzjoni ta' oriġini protetta, inbid b'indikazzjoni ġeografika protetta, inbid mingħajr indikazzjoni ġeografika u most)."

(ii) fil-paragrafu "Perjodu ta' notifika", il-punti (b), (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) riżultat definittiv tad-dikjarazzjoni tal-produzzjoni: sal-15 ta' Frar ta' kull sena;

(c) stokkijiet: sommarju tad-dikjarazzjonijiet tal-ħażniet miżmuma fil-31 ta' Lulju, sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena, u sommarji trimestrali tal-ħażniet sal-15 ta' Diċembru, il-15 ta' Marzu, il-15 ta' Ġunju miżmuma fid-dati rispettivi indikati fil-punt (c) tal-kontenut tan-notifika;

(d) karta tal-bilanċ finali: sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena fir-rigward tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti.";

(f) jiddaħħal il-punt 7a. li ġej:

"7a. **Frott u ħxejjex**

Kontenut tan-notifika: il-kwantitajiet prodotti ta' tadam, tuffieħ, lariġ, ħawħ u nuċiprisk maħsuba għall-konsum frisk.

Stati Membri kkonċernati: L-Istati Membri elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891.

Perjodu tan-notifika: għat-tuffieħ, il-larinġ, il-ħawħ u n-nuċiprisk maħsuba għall-konsum frisk, notifika annwali fil-31 ta' Marzu tas-sena N+1 għas-sena N, għat-tadam il-31 ta' Mejju tas-sena N + 1 għas-sena N.

Oħrajn: il-prezzijiet għandhom jiġu nnotifikati espressi f'tunnellati ta' prodott frisk.".